Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Numru: 125/13AE

**Peter Knapperstbush f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' St. Publius Corporate Services (C50180)**

**Vs**

**Ulf Pangratz u iCovest Limited (C54229)**

Il-Gimgha, 5 ta' Frar 2016.

Permezz ta' rikors prezentat fit-30 ta' April 2013 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000), hla sta' taxxa u spejjez legali.

Il-konvenuta wiegbet:

1. Il-konvenut m'huwiex legittimu kontradittur.
2. Il-kawzali tad-domanda ghandha tigi mfissra car u sewwa. Ir-rikors promotur hu null ghaliex ma fihx ir-ragunijiet li fuqha hi bazata l-kawza.
3. L-atturi ma pprezentawx dokumenti ta' prova konkreti.
4. Fil-meritu l-ebda ammont mhu dovut.

B'sentenza tas-6 ta' Ottubru 2014, l-ewwel qorti laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u cahdet it-talbiet tal-atturi. Inoltre, kkundannat lill-atturi jhallsu s-somma ta' €1,000 bhala spejjez addizzjonali lir-Registratur (Artikolu 10(1) tat-Tariffa A tal-Kap. 12).

L-atturi appellaw mis-sentenza. L-aggravji huma li:

1. Ma kienux jezistu c-cirkostanzi sabiex il-qorti tikkundanna lill-atturi jhallsu s-somma ta' elf ewro (€1,000).
2. L-ewwel qorti m'ghamlitx apprezzament korrett tal-provi. 'Il fatti li tressqu quddiem l-ewwel qorti jaghtu prova li l-ammont mitlub, li jinkludi stima ta' taxxa, hu dovut mill-konvenut lill-atturi.

Il-konvenuta wiegbet:-

1. L-ewwel qorti kienet gustifikata li tikkundanna lill-atturi jhallsu s-somma ta' €1,000 lir-Registratur. L-attur m'ghandux dritt li jipprova jiggustifika l-agir tieghu billi jargumenta li ma kienx hemm komunikazzjoni tajba bejnu u l-avukati tieghu.
2. Dwar il-meritu, l-ammont pretiz jitratta dwar stima ta' taxxa, liema taxxa qatt ma thallset. L-atturi ma sofrew l-ebda danni.

Il-qorti rat l-atti.

Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2015 id-difensuri tal-partijiet li ddikjaraw li ma kellhomx xi jzidu ma' dak li kien hemm fl-atti u setat ghalhekk tinghata s-sentenza.

1. Illi l-pern tal-ewwel aggravju huwa l-applikazzjoni tal-artikolu 10(1) tat-Tariffa A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid kif gej:

   *"Il-Qorti tista', meta tagħti s-sentenza, tordna li l-attur jew l-konvenut f'kawża jħallas spejjeż addizzjonali lir-Reġistratur tal-Qrati f'ammont ta' mhux anqas minn €500 u mhux iżjed minn €3,000,* ***jekk il-Qorti jidhrilha li l-att tal-proċedura li bih inbdiet il-kawża*** *jew l-att tal-proċedura b'risposta* ***kienu fiergħa jew vessatorji, jew li xi waħda mill-partijiet tkun tawlet il-proċeduri mingħajr bżonn****, u f'dan il-każ din is-somma ma tkunx tista' tintalab lura mill-parti l-oħra".*

2. Fis-sentenza l-ewwel qorti osservat:

   *"Il-qorti ma tistax ma tinnotax illi dina l-kawza hija wahda bla bazi u ebda fondament u qatt ma messha giet intavolata kif inhi.*

   *Hija azzjoni malizzjuza u nkorretta u bbazata fuq pretenzjonijiet fazulli u bla bazi.*

   *Tali azzjonijiet qatt ma messhom jigu ntavolati quddiem il-Qorti, u sta ghall-Avukat, bhala Ufficjal tal-Qorti, illi jassikura ruhu li dana ma jsirx…..*

   *Jidher illi r-rikorrenti kien qieghed jintenta juza il-Qrati sabiex jottjeni minghand is-socjeta intimata arrikkiment indebitu peress illi jirrizulta car li ma kellu ebda dritt ghal dak illi kien qed jitlob, u 'il fatt illi jaghzel illi juza l-mezzi tal-Qrati sabiex jottjeni dan huwa tal-misthija u l-Qorti ma tistax hlief ma tiddeplorax bil-qawwa dan 'il fatt.*

   *Huwa car daqs il-kristall illi dina kienet kawza fiergha u vessatorja u ghalhekk timmerita li tigi punita f'dan is-sens".*

3. Mill-provi rrizulta li:

   i. Is-socjeta attrici kienet taghti servizz lis-socjeta konvenuta.
   ii. F'Mejju 2012 intemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet.
   iii. Is-socjeta attrici rceviet stima minghand id-Dipartiment tal-VAT ghas-somma ta' €4,532.36 (fol. 18) fir-rigward tal-perjodu l-1 ta' Marzu 2012 sal-31 ta' Mejju 2012. Id-dokument datat 15 ta' Lulju 2012.

iv. Fil-15 ta' Jannar 2013 kienet prezentata *tax return* fid-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (fol. 20) li tkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2012 sat-30 ta' Novembru 2012. Fil-formola hemm isem l-attur bhala l-persuna li kiteb id-dettalji fiha. Hemm ukoll firma li rrizulta li m'hijiex tal-attur. Mid-deposizzjoni ta' Dr Doreen Turner, dik il-firma saret minn certu Christian Pisani li kien impjegat ta' Turner & Associates. Din id-ditta kienet toffri servizzi dwar it-taxxa u accountancy.

v. M'hemmx prova li l-atturi hallsu s-somma li tissemma fl-avviz a fol. 18. Fil-fatt Dr Turner xehedet: *"I have to say that this was not a penalty but this was just an assessment. When eventually the actual return is filed, the assessment made by the VAT is dropped immediately"*. Ix-xhud ipprezentat dokument mahrug mid-Dipartiment minn fejn jirrizulta li ghall-perjodu l-1 ta' Marzu 2012 sal-31 ta' Mejju 2012, l-ebda hlas ma kien dovut (fol. 54). Kompliet tghid li mid-dokument kien jirrizulta li: *"...... there is a credit in favour of company Icovest Limited as of 16/2/2013 in the amount of fifty four Euros (€54)"*.

4. Mill-provi hu evidenti li s-somma ta' €4,532 (ara avviz a fol. 18), taxxa li l-atturi jippretendu minghand il-konvenuti, m'ghandha x'taqsam xejn mad-dokument li fih giet falsifikata l-firma tal-attur (fol. 54). Firma li mid-deposizzjoni ta' Dr Turner irrizulta li l-firma tal-attur ma gietx falsifikata mill-konvenut. Hu fatt li:

i. Is-somma ta' €4,532 hi biss stima. M'hemmx prova li l-atturi hallsu dan l-ammont lid-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.

ii. Id-Dipartiment qatt ma talab lill-atturi sabiex ihallsu s-somma ta' €4,532. L-avviz li fuqu l-attur ibbaza l-pretensjoni tieghu, indirizzat lis-socjeta konvenuta. Hadd mill-atturi ma jissemma f'dan id-dokument.

iii. Mid-deposizzjoni ta' Dr Turner irrizulta li dan l-ammont m'huwiex dovut lid-Dipartiment.

iv. Minkejja rrizultaw dawn 'il fatti, l-atturi baqghu jzommu ferm it-talba taghhom meta kien car li qatt ma tista' tirnexxi. L-atturi argumentaw li: *".... Kull persuna ghandha dritt biex tirrikorri quddiem il-Qrati taghna u allahares dan id-dritt jigi limitat b'xi mod"*. Pero' hadd m'ghandu dritt li jabbuza mill-process gudizzjarju. Mill-provi ma rrizultax li l-atturi qatt gew interpellati biex ihallsu s-somma ta' €4,532.35. Meta l-atturi rcevew l-avviz datat 16 ta' Lulju 2012, kull ma kellhom jaghmlu kien li jinfurmaw lid-Dipartiment li s-socjeta konvenuta ma kinitx ghadha fl-indirizz 100, Triq il-Parrocca, Mellieha. Inoltre minn ricerka mill-ufficcju tar-Registru tal-Kumpannija kien jirrizulta li b'avviz li nghatat fit-8 ta' Gunju 2012, ir-Registratur gie nfurtmat li l-ufficcju registrat tal-kumpannija kien inbidel (fol. 89).

Mehud in konsiderazzjoni ta’ dawn ic-cirkostanzi, l-apprezzament tal-provi kien korrett u l-ewwel qorti kienet gustifikata li tikkundanna lill-atturi jhallsu spejjez addizzjonali fl-ammont ta’ €1,000. Hadd m’ghandu jedd li jirrikorri ghall-qorti biex ifittex rimedju li mill-bidunett tal-procediment jaf li m’ghandux jedd ghalih. Ghalkemm l-atturi qalu wkoll li kien hemm nuqqas ta’ komunikazzjoni mad-difensur taghhom, din m’hijiex raguni valida jew materja li ghandha tidhol fiha l-qorti. F’kull kaz kien fid-dmir tal-atturi li jzommu kuntatt mad-difensur taghhom irrispettivament f’liema parti tad-dinja kienu jinsabu fiha fil-kors tal-kawza.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti. Peress li tqies li l-appell hu fieragh, tikkundanna lill-appellanti jhallsu lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn.**

Anthony Ellul.